MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**ANTHONY ELLUL**

Seduta ta' l-4 ta' Frar, 2003

Talba Numru. 2501/2002

**Prof. Godfrey Laferla**

**vs**

**Joanne Axisa**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu l-attur talab il-hlas tas-somma ta' hames mija u ghoxrin lira Maltija (Lm520) hlas dovut bhala servizzi professjonali moghtija minnu fuq inkarigu tal-konvenuta fit-12 ta' Marzu 2002.

Il-konvenuta naqset milli tipprezenta risposta fit-terminu preskritt mil-ligi, b'danakollu hija dehret ghal kull seduta li saret quddiem it-Tribunal u kkonstestat il-kawza fuq il-bazi li l-hlas pretiz mill-attur kien inkluz fl-ammont li hija hallset lil Capua Palace Hospital wara l-operazzjoni.

Semgha x-xhieda tal-partijiet.

Ra d-dokumenti.

Mill-provi jemergu s-segwenti punti ta' riljev:-

- Fit-12 ta' Marzu 2003 l-attrici ghamlet operazzjoni fl-Isptar Capua Palace;

- Qabel l-operazzjoni l-konvenuta ma staqsitx kemm kien ser jiswiha fi flus dan l-intervent. Irrizulta li l-ispejjez tal-konvenuta kien ser jaghmel tajjeb ghalihom haddiehor u l-probabbilta hi li kien ghalhekk li ma qaghditx tistaqsi.

- Meta l-konvenuta kkonsultat ruhha ma' l-attur, kienet hi li ghazlet li taghmel l-operazzjoni fi sptar privat.

- L-attur kien il-kirurgu li ghamel l-intervent mediku fuq l-attrici;

- Fil-kont mahrug mill-Isptar Capua Palace m'hemmx inkluz il-hlas ghas-servizz moghti mill-attur;

- L-attrici hallset, permezz ta' Anthony Vella, b'kollox is-somma ta' elf u disgha u hamsin lira Maltija (Lm1,059). Jidher li hija fehmet li inkluz f'dan l-ammont kien hemm l-ispejjez kollha tal-kura li nghatat.

- L-attur ipprezenta *specimen* ta' *admission form* (Dok. GF2) li kull pazjent jigi mitlub jiffirma hekk kif jidhol fl-isptar Capua Palace. F'dan id-dokument jinghad li:- ***"The fees for all Medical Consultants, General Practitioners and Anaesthetists are ADDITIONAL to the service provided by Capua Palace Ltd"***.

Mill-provi rrizulta bl-iktar mod cjar li l-attur ma thallasx tas-servizz li ta lill-konvenuta. Il-fatt li hi setghet hasbet li fil-kont mahrug mill-Capua Palace kien hemm l-ispejjez kollha [inkluzi dawk ta' l-attur], ma jfissirx b'daqshekk li l-attur ma ghandux jedd li jitlob il-hlas ghal xogholu. Kullhadd ghandu l-jedd li jitlob il-hlas ghal xoghol li

jaghmel. Fix-xhieda tieghu l-attur spjega b'mod dettaljat kif wasal ghas-somma ta' hames mija u ghoxrin lira Maltija (Lm520) u kif dan l-ammont jigi kkalkolat fuq it-tip ta' operazzjoni li ssir fuq il-pazjent. Ma jidhirx li hemm x'wiehed jikkontesta fir-rigward ta' l-ammont mitlub.

Madankollu t-Tribunal ma jistax ma josservax li jkun iktar xieraq li f'kazijiet simili l-pazjent jigi mgharraf minn qabel [anke jekk ma jsaqsix] kemm ser ikollu jhallas ghall-operazzjoni, iktar u iktar mehud in konsiderazzjoni li skond ma xehed l-attur ir-rati ta' hlas huma pre-stabbiliti.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal qieghed jaqta' u jiddecidi l-kawza billi jikkundanna lill-konvenut thallas lill-attur is-somma ta' hames mija u ghoxrin lira Maltija (Lm520), bl-imghax mid-data tan-notifika ta' l-avviz tat-talba.

L-ispejjez huma ghak-karigu tal-konvenuta.

**Avukat Dr. Anthony Ellul**
**Gudikatur.**

--------------------------------TMIEM--------------------------------